# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 10 ta' Mejju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Carmelo Magri)**

**vs**

**Steve Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Steve Vassallo ta' 30 sena bin Anthony u Marianna nee' Vella imwieled Pieta' fil-21 ta' Marzu, 1975 u li joqghod 'Junior Court' Flat 1, Triq il-Qastan, M'Scala. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 162975(M)

Akkuzat talli:

F'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Marzu, 2003 ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-fond bl-isem 'Pigeon Club' sitwat fi Triq il-Palma, Tarxien ghad-dannu ta' Jesmond Tabone u Vincent Farrugia minn Rahal Gdid, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-istess Jesmond Tabone u Vincent Farrugia, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Malta (Lm500).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fas-16 ta' Frar 2006, fejn deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 267, 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;
(e) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-Ufficjal Prosekutur.

Rat li d-difiza talbet li minflok tittratta hija tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, u ghalhekk din il-Qorti kienet tat lid-difiza zmien sal-31 ta' Jannar 2014, sabiex tipprezenta tali nota ta' sottomissjonijiet.[1] Izda nonostante dan, id-difiza baqghet ma ipprezentatx in-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

[1] Ara fol. 115 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-21 ta' Marzu 2003, ghall-habta tad-9.00a.m., Jesmond Tabone, bhala Segretarju tat-Trobbija tal-Hamiem, irrapporta lill-Pulizija illi l-bieb tal-aluminium tal-Ghaqda imsemmija kien gie sgassat u li l-kaxxa tas-sigaretti kif ukoll tlett amusement machines gew miftuha.
2. Is-serqa saret bil-lejl wara l-10.00pm, meta Vincent Farrugia, il-bar man, mar jaghlaq l-club, u ndunaw li l-bieb kien sgassat circa 8.15a.m. tal-ghada fil-ghodu.
3. Insterqu valur ta' circa Lm100 CD's u ammont ta' Lm20 mit-telefon, a dannu ta' Vincent Farrugia.
4. Inoltre, insterqu LM80 flus personali tal-istess Vincent Farrugia.
5. Il-halliel kien kisser il-hgieg u t-twieqi tal-bar, u ntefqu madwar Lm50.00 biex gew irrangati.
6. Inoltre, gew ikkagunati danni lill-bieb ta' barra, bieb ta' gewwa u set cupboards tal-Club, li kellhom jinbidlu u l-ispiza kienet ta' Lm500.
7. Insteraq kwantita ta' sigaretti u flus minn vending machine li tammonta ghal Lm548.40 a dannu ta' Denis Deguara, pero' hu gie rifondut dan l-ammont mis-socjeta British American Tobacco (Malta) Ltd (BAT), qabel maghrufa bhala Central Cigarettes Malta Limited.
8. Gew sgassati tlett vending machines, u nsterqu l-ammont komplessiv ta' LM40 minn go fihom kif ukoll intefqu Lm40 biex gew irrangati, u dan a dannu ta' Anthony Cremona.
9. L-Ufficjal Investigatur ircieva informazzjoni konfidenzjali li kien l-imputat li kkommetta r-reat. Ghalhekk huwa talab lill-Magistrat Inkwerenti sabiex tinnomina espert halli jikkompara l-marki tas-swaba tal-imputat ma' dawk li nstabu fuq ix-xena tad-delitt.
10. Il-Magistrat Inkwerenti innominat lill-espert Joseph Mallia ghal dan l-iskop, u huwa ikkonkluda hekk:

*"… … (B) Illi l-impronti li jidhru fuq il-lifter dokument 03 AUO 302* (recte 03 AUQ 302) *gew ikkomparati u identifikati bhala li gew maghmula mill-marki tas-saba l-werrej u s-saba' tac-curkett rispettivament ta' l-id il-leminija ta' Stephen Vassallo, … … numru tal-Karta ta' l-Identita 162975(M)."*[2]

11. Kien ghalhekk li l-Ufficjal Investigatur fetah dawn il-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputat.

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputati*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-meritu.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

Ghalhekk l-unika prova tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri kontra l-imputat, huma l-impronti digitali tieghu li nstabu fuq bieba ta' amusement machine li kienet mal-art fil-fond derubat.[3]

F'dawn il-proceduri, l-imputat ghazel li ma jixhidx u lanqas iressaq provi.[4]

Fix-xhieda tieghu, Jesmond Tabone, is-Segretarju tal-Club derubat, iddikjara li hu kien jaf lill-imputat ghax missieru kien isuq il-hamiem mal-Club taghhom, u l-imputat kien jigi mieghu.[5]

---

[2] Ara r-rapport ta' Joseph Mallia fl-atti tal-proces verbal ezebit a fol. 10 tal-process.
[3] Ara r-rapport tas-Scene of Crime Officers fl-atti tal-inkjesta.
[4] Ara verbal a fol. 93 tal-process.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk:

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *(1973) AC 729, p. 758 "works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta, tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna lil lilha tapprtjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank, ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero, jekk l-impronta tinstab fuq il-bieb tal-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrzultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb."*

Din is-sentenza ta' **Noel Frendo** titratta impronti digitali misjuba fuq oggetti mobbli zghar misruqa minn hanut. Kien hemm zewg impronti fuq kaxxi tal-Parker u impronta fuq pakkett tat-tabakk tal-pipa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Dawn instabu fuq oggetti li kienu jew spustjati minn posthom u mqeghda f'kaxxa tal-kartun quddiem il-counter tal-hanut, presumibilment lesti biex jittiehdu 'l barra mill-hanut minn min poggihom f'dik il-kaxxa ... ... Dawn kjarament gew spustati mill-halliel jew hallelin, u kienu jikkonsistu f'oggetti, li skond l-istqarrija tal-appellant lill-pulizija, huwa ma kellu ebda interess fihom. Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustjathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni."*

---

[5] Ara xhieda ta' Jesmond Tabone a fol. 40 tal-process.
[6] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

Fl-istess sens, hu l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**, deciza fis-17 ta' Settembru 2008. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkwotat b'approvazzjoni s-segwenti awturi Inglizi:
*"**Blackstones** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) pagna 2311 – 2312) jghid testwalment hekk:*
*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."*

*Illi l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348) jghid:*
*"A person may be identified by fingerprints alone." : **R. v. Castleton**, 3 Cr. App. R 74 CCA".*

Fis-sentenza ta' **Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid illi *"Prova indizzjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija. ... ...*

*Fil-process kriminali, fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b'xi prova li taghmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x'aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f'dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjonijiet jilhqu l-grad tal-probabbli.*

*Il-grad tal-possibbli la hu utili ghall-prosekuzzjoni u lanqas ghad-difiza."*

Issa fil-kaz odjern, ghalkemm l-imputat ma kien obbligat li jipprova xejn u fil-fatt – kif kellu dritt – ma xehedx biex jispjega kif zewg swaba tieghu hallew l-impronti digitali taghhom fuq amusement machine li nstabet mal-art fil-fond derubat. Lanqas ma ressaq xi spjegazzjoni plawsibbli, tramite s-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tieghu, biex jikkonvinci lil din il-Qorti sal-grad tal-probabbli li dawk l-impronti saru minnu innocentement. Huwa vera li gie

[7] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

ippruvat li l-imputat gieli kien jiffrekwenta l-fond derubat. Pero' l-unici impronti digitali tal-imputat li nstabu fil-fond derubat kienu mal-bieba ta' amusement machine li kienet mal-art, biex setghet tigi misruqa. Ma hemm l-ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marki tas-swaba tieghu kellhom jinstabu fuq amusement machine maqluba biex setghet tigi misruqa, liema amusement machine kienet go fond li gie sgassat biex jigi misruq. Konsegwentement, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat ma hallix l-marka tas-swaba tieghu fuq l-amusement machine b'mod innocenti jew b'kumbinazzjoni.

Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet ta' serq aggravat u danni volontarji lill-proprjeta'. Pero' ma ssibux hati tar-reat ta' ricettazzjoni.

Rigward l-imputazzjoni tar-recidiva ta' serq, din giet ppruvat bis-sentenza ezebita.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena l-imputazzjoni ta' hsara volontarja hija kompriza u involuta f'dik ta' serq, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex jigi kommess ir-reat ta' serq.

Inoltre, ladarba l-imputat instab hati li hu recidiv, partikolarment ta' serq, l-piena ghandha tizdied bi grad.

Ma hemmx dubbju li l-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja. Pero' fit-trattazzjoni orali tieghu, l-Ufficcjal Prosekutur kien leali u ammetta li hemm sinjali li l-imputat irriforma ruhu, minn dak in-nhar li kkommetta dan ir-reat. Ghaldaqstant, din il-Qorti lesta li taghti cans iehor lill-hati sabiex ikompli fit-triq li qabad, u tatihx piena karcerarja effettiva, kif altrimenti kienet taghmel.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnu,
2. wara li rat l-artikoli 261(b)(c) u (f), 263, 264, 265, 267, 270, 278, 279 u 280, 325(1)(b) u 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kontemplati f'dawk l-artikoli u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin millum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin millum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' hames mitt Euro (€500.00) lill-"Ghaqda Trobbija tal-Hamiem" ta' Hal-Tarxien, mitejn u tlieta u tmenin Euro (€283.00) lil Vincent Farrugia, mija u hamsin Euro (€150.00) lil Anthony Cremona u hames mitt Euro (€500.00) lis-socjeta British American Tobacco (Malta) Limited, fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti d-danni kagunati lill-imsemmija persuni.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni jew jekk jonqos li jhallas l-ammont prefiss lill-vittmi fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u seba' u disghin Euro u sitta u sebghin centezmu (€697.76) li ghandhom jithallsu fi zmien sena (1) millum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew

parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**